MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 1250/2009

**Neil Carter**

***kontra***

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta` Dicembru 2009 li jaqra hekk –

*Illi din il-procedura qieghda ssir ai termini ta` l-Artikolu 466 et seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-esponenti gie notifikat fit-30 ta` Novembru 2009 b`ittra ufficjali mibghuta lilu mill-intimat u datata 18 ta` Awissu 2005, li permezz taghha l-intimat qieghed jinterpella lill-esponenti jhallas is-somma ta` Lm 8,157 allegatament dovuti bhala excise duty u VAT fuq importazzjoni ta` birra bejn is-snin 2000-2004, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala DOK. A ;*

*Illi l-esponenti jsostni li r-reassessment maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana saret erronjament ghaliex huwa hallas dak li kien effettivament dovut skond it-tariffa appozita ;*

*Illi l-esponenti jiddikjara li huwa mhux debitur ta` l-intimat u tali ammont certament mhux dovut ;*

*Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi ma jkunx gust li l-intimat jakkwista titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li t-talba ghal Euro 19,000.70 (gia` Lm8,157.00) da parti tal-Kontrollur tad-Dwana hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u f`kaz li diga` gew intavolati xi mandati Ezekuttivi, tordna li dawn ma jigux ezegwiti.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent u d-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur..

Rat ir-risposta prezentata fit-2 ta` Frar 2010 li taqra hekk –

*Illi s-somma ta` EUR19,000.70 (gia Lm8,157) mitluba permezz tal-ittra ufficjali datata 18 ta` Awissu 2005 minghand ir-rikorrent hi dovuta fl-intier taghha mill-istess rikorrent.*

*Illi rrizulta li fid-diversi importazzjonijiet ta` birra li r-rikorrent ghamel fis-snin bejn is-sena 2000 u 2004, hu ghamel dikjarazzjoni u ta informazzjoni lid-Dwana li kienet skorretta u dan billi fost ohrajn, ipprezenta dokument lid-Dwana li rrizulta li ma kienx verosimili. Ghalhekk kellu jsir reassessment ta` dawn l-importazzjonijiet u l-ammont mitlub f`din il-kawza rrizulta dovut.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent (fol 38 sa fol 46) u ta` Hector Carter (fol 28 sa fol 37) fl-udjenza tas-26 ta` April 2010 u rat id-dokument illi kien esebit mir-rikorrent.

Semghet ix-xiehda ta` Harold von Litsenburg (fol 51 sa fol 59) fl-udjenza tal-25 ta` Jannar 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Herrera (fol 61 sa fol 63) u ta` Joseph Brincat (fol 64 sa fol 74) fl-udjenza tal-4 ta` April 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` David Sciberras (fol 86 sa fol 90) fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2011 u rat id-dokument li

esebixxa x-xhud, kif ukoll semghet lill-istess xhud jiddeponi fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011 (fol 99 sa fol 102).

Rat in-nota b`dokument prezentata mill-intimat fil-15 ta` Lulju 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Henricus Christianus Josephus Hoeks (fol 110 sa fol 113) fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2011.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrent li kienet prezentata fis-6 ta` Jannar 2012.

Rat in-nota responsive tal-intimat li kienet prezentata fl-udjenza tat-12 ta` April 2012.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Sintesi tal-provi

### 1) Generali

Fit-18 ta` Awissu 2005, l-intimat ipprezenta ittra ufficjali (Dok A a fol 4) kontra r-rikorrent fejn, ghall-fini tal-**Art.466(1) tal-Kap.12**, interpellah sabiex ihallas is-somma

ta` Lm 8157 bhala *excise duty* u VAT fuq importazzjoni ta` birra illi ghamel ir-rikorrent bejn l-2000 u l-2004.

Fl-1 ta` Dicembru 2009 (ara r-referta a fol 5), ir-rikorrent kien notifikat bl-ittra ufficjali tat-18 ta` Awissu 2005.

U fil-21 ta` Dicembru 2009, propju fl-ahhar jum tat-terminu li jissemma fl-**Art.466(2) tal-Kap.12** ir-rikorrent ressaq il-procedura odjerna fejn cahad illi ghandu jaghti s-somma pretiza mill-intimat u ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara bhala nfondata l-pretensjoni tal-intimat.

## 2) Il-provi tar-rikorrent

**Ir-rikorrent** xehed illi bejn is-snin 2001 u 2004, huwa kien igib mill-Olanda lejn Malta l-birra Bavaria. Huwa hallas sisa u VAT lid-Dwana skond formula illi tawh minn dak id-Dipartiment. Ir-rata tal-hlas kienet tinhadem skond l-ghadd ta` hectolitres importati. Il-hectolitre huwa l-unit of measurement tal-birra. Kemm dam igib il-birra minn barra, hadem dejjem fuq dik il-formula. Huwa dejjem hallas u ma kellux problemi mad-Dwana. Minghajr il-hlas lid-Dwana, ma kienx ikun jista` jirtira x-xoghol. Billi l-Bavaria barra kienet tipproduci inqas minn 20,000,000 litru birra fis-sena, ir-rata tal-hlas lid-Dwana ta` Malta kienet anqas minn li kieku l-produzzjoni annwa kienet teccedi dik il-figura. Huwa kien jipprezenta lid-Dwana d-dokument markat NC1 a fol 25 li harget il-Bavaria stess, mnejn jirrizulta li Bavaria kienet tipproduci inqas mill-figura citata. Id-Dwana accettat id-dokument u ghalhekk hallas b`rata inqas. Id-dokument kien iffirmat minn Lucian Lafle li kien l-export director ta` Bavaria.

**Ir-rikorrent** kompla jixhed illi sa ma rcieva l-ittra ufficjali ma kienx sema` aktar minghand id-Dwana ghaliex

huwa kien waqaf igib il-birra fl-2004. Huwa kien ihallas skond ma kienu qalulu d-Dwana.

**Hector Carter**, li jigi missier ir-rikorrent, ikkonferma s-sostanza tad-deposizzjoni tar-rikorrent. Ikkonferma illi bejn l-2001 u l-2004, kull darba illi r-rikorrent kien igib il-birra Bavaria, kien jipprezenta kull darba lid-Dwana kopja tad-Dok NC1 (fol 25).

**Harold von Litsenburg** mill-kumpannija estera Bavaria kkonferma illi l-persuna li kien hareg Dok NC1 kien export manager ta` Bavaria fiz-zmien in kwistjoni, spicca mill-kumpannija fl-2005 u miet fl-2007. Xehed illi r-rikorrent kien jimporta l-marki ta` birra Bavaria u Holandia, li kienet marka ohra li kienet tipproduci l-istess kumpannija estera. L-importazzjoni kienet tkun f`bottijiet ta` 50 centilitre kull wiehed. Ghal kull sena ta` bejn l-2001 u l-2004, il-kumpanija estera kienet tipproduci volum ta` birra tal-prodott Holandia fl-ammont ta` 27,000 hectolitres waqt illi ghall-marka Bavaria il-volum annwu kien ta` 19,000 hectolitres. Lejn Malta, Bavaria kienet tesporta kull sena volum ta` 3,500 hectolitres in kwantu ghal 50-100 hectolitres ghall-Holandia u in kwantu ghal 2,000 hectolitres ghall-Bavaria. Dwar Dok NC1, ix-xhud gharaf il-letterhead, in-numru tal-fax, l-indirizz u t-timbru tal-kumpannija. Id-dokument hargu Mr. La Fleur. Ix-xhud ma kienx involut fl-istesura tad-dokument. Dwar l-istess dokument huwa xehed illi dak sar qabel Jannar 2005 billi l-letterhead qeghda turi l-indirizz minn fejn kienet topera Bavaria qabel marret band`ohra f`Jannar 2005.

**Fil-kontroezami**, ix-xhud ikkonferma illi skond il-website taghha stess, il-kumpannija Bavaria ghandha 14 - il magna li ghandhom il-kapacita` illi jimlew 750,000 flixkun jew bottijiet bil-birra kull siegha. Il-figuri tal-website ma jikkontrastawx mal-figuri illi ta x-xhud dwar l-esportazzjoni lejn Malta fis-snin in kwistjoni ghaliex il-figuri tal-website juru l-produzzjoni tal-kumpannija madwar id-dinja waqt illi l-figuri li xehed dwarhom fl-ezami kienu limitati ghaz-zewg prodotti biss u cioe` il-birra Holandia u

l-birra Bavaria. Fl-2004, il-produzzjoni totali tal-prodotti kollha tal-birra minn Bavaria kienet ta` 4,700,000 hectolitres.

## 3) Il-provi tal-intimat

**Joseph Herrera,** fizzjal tad-Dwana, xehed illi s-sisa fuq il-birra tithallas skond kemm il-fabbrika tipproduci litri ta` birra. Fil-bidu illi beda jgib il-birra, ir-rikorrent kien avza lid-Dipartiment illi l-fabbrika Bavaria kienet tipproduci aktar minn 20,000,000 litru fis-sena ghad-distribuzzjoni mad-dinja kollha. U s-sisa bdiet tinhadem fuq dik l-informazzjoni. In segwitu, ir-rikorrent ghamel claim illi hallas sisa zejda ghaliex il-fabbrika kienet tipproduci anqas minn dik il-figura. Ipprezenta certifikat in konferma ta` dan. Kien infurmat illi jekk wara l-verifiki taghha, id-Dwana ssib illi r-rikorrent kellu ragun, allura kien jinghata refund tas-sisa zejda mhallsa. Ix-xhud hejja rapport u ghaddieh lis-superjuri tieghu. X`gara wara ma setax ighid.

**Joseph Brincat** kien direttur tal-affarijiet internazzjonali fid-Dipartiment tad-Dwana. Is-sisa kienet taqa` taht ir-responsabilita` tieghu. Kellu wkoll il-funzjoni ta` liason officer mad` Dipartimenti ohra tad-Dwana madwar l-Ewropa f`materji ta` sisa. Waslet ghandu t-talba tar-rikorrent ghal refund (Dok JB1 a fol 75). Maghha kien hemm ic-certifikat li kienet harget il-kumpannija esportatrici (Dok JB2 : l-istess bhal Dok NC1). Huwa ghamel il-verifiki tieghu mal-korrispondent tieghu fl-Olanda u cioe` il-liaison officer ta` dak il-pajjiz li baghtlu l-email Dok JB3 (fol 77). Mill-kontenut taghha kien evidenti illi l-kumpannija esportatrici kienet tat informazzjoni zbaljata. Fuq l-iskorta ta` dak it-taghrif frisk illi wasal mill-Olanda, mhux biss ir-rikorrent ma nghatax refund izda kien interpellat bl-ittra Dok JB4 (a fol 78) biex ihallas is-sisa nieqsa li ma kienx hallas matul il-periojodu 2001-2004 fl-ammont ta` Lm 8,175 ekwivalenti ghal €19,000.70. Mal-ittra baghtlu prospett gustifikattiv tal-ammont pretiz (Dok JB5 a fol 79). Billi r-rikorrent ma marx lura ghandhom,

inbaghtet reminder b`ittra registrata Dok JB6 a fol 81 pero` l-ittra marret lura *undelivered* ghax id-destinatarju kien *gone away.* L-indirizz kien dak indikat mir-rikorrent stess fuq id-dokumenti tad-Dwana. Minn ricerka ohra (ara Dok JB7 a fol 83) instab indirizz iehor tar-rikorrent u cioe` 98, Two Gates Street, l-Isla. Intbaghtet reminder *by hand* f`dak l-indirizz (ara Dok JB8 a fol 84) u l-ittra kienet *delivered.*

**Fil-kontroezami**, Joseph Brincat xehed illi min-naha tad-Dwana ta` Malta ma jafx illi sar kuntatt dirett mal-kumpannija Bavaria barra.

**David Sciberras** mid-Dipartiment tad-Dwana pprezenta dokument markat DS1 a fol 91 u 92 li wasal id-Dwana mil-liaison officer tal-Olanda illi jghid b`mod ufficjali illi fl-2003 Bavaria kellha produzzjoni ta` 4.416 million hectolitres ta` birra waqt illi fl-2004 il-produzzjoni zdiedet ghal 4.657 million hectolitres. Id-dokument ikompli jikkonferma kemm kellha ragun id-Dwana illi titlob l-ammont ta` Lm 8175 minghand ir-rikorrent u kemm kien zbaljat id-dokument illi kien qieghed jipprezenta r-rikorrent mal-*entries* tad-Dwana.

Kien esebit dokument iehor b`taghrif simili u cioe` Dok AH a fol 96. Id-dokument kien iffirmat minn Andre` Hagen l-istess persuna illi baghtet id-Dok NS1.

**Henricus Christianus Josephus Hoeks** mill-ufficcju tad-Dwana ta` Eindhoven fl-Olanda kkonferma illi l-produzzjoni ta` birra mill-kumpannija Bavaria fl-2003 kienet dik indikata fid-dokumenti li kienu esebiti mid-Dwana ta` Malta liema dokumenti kkonferma l-kontenut u l-veracita` taghhom, u dan ghalkemm fuq id-dokumenti tidher il-firma tal-kollega tieghu Andre` Hagen. Din il-persuna ffirmat fuq taghrif illi kien hejja u rricerka x-xhud.

Fil-kontroezami, ix-xhud sostna illi t-taghrif huwa kisbu direttament u b`mod ufficjali minghand il-Bavaria stess ghal habta ta` April tal-2011. Il-persuna li ghamel kuntatt maghha ghand Bavaria kien a Mr. Tyson li huwa responsabbli mill-attivitajiet doganali u materji relatati ta` Bavaria.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Ir-*reassessments* illi saru mill-intimat dwar hlas ta` sisa u VAT li r-rikorrent naqas milli jhallas ikopru z-zmien ta` bejn il-21 ta` Dicembru 2001 u s-27 ta` Lulju 2004.

Jirrizulta illi ma` l-*entries* tad-Dwana, ir-rikorrent kien jipprezenta Dok NC1 u fuq l-iskorta ta` dak dikjarat fid-dokument kien ihallas anqas sisa u VAT. Id-dokument jidher illi nhareg fuq *letterhead* tal-kumpannija Olandiza Bavaria N.V. Kien iffirmat minn certu Lucien La Fleur li jirrizulta illi kien export director taghha. Id-dokument m`ghandux data. Izda Harold von Litsenburg, impjegat iehor ta` Bavaria N.V. illi xehed fil-kawza tal-lum u li qal illi ra dak id-dokument ghall-ewwel darba ftit gimghat biss qabel xehed wasal ghall-konkluzjoni illi peress li l-*letterhead* kienet turi l-indirizz tal-kumpannija qabel Jannar 2005 (u cioe` iz-zmien meta hadet l-ufficcju taghha f`sede ohra) u billi Lucien La Fleur spicca mill-impieg tal-kumpannija f`Novembru 2005 (u llum huwa mejjet) wiehed seta` jasal biex jistabilixxi (din il-Qorti tghid *by elimination*) li d-dokument inhareg qabel Jannar tal-2005. Din il-Qorti tghid illi dik kienet supposizzjoni tax-xhud u ghalhekk sejra tqis l-istqarrija tieghu ta` li hi.

Fid-dokument jinghad b`riferenza ghal Bavaria N.V. illi *our brewery does not exceed the production volume of*

*20 million litres of beer annually. Our production per year amounts to 16.85 million litres of Bavaria beer.*

Fuq il-kumpless tal-provi, in partikolari fuq dak illi xehed Harold von Litsenberg, din il-Qorti tghid illi l-kontenut tad-dokument ma jaghtix affidament anzi tghid illi svija lid-Dipartiment tad-Dwana.

Il-Qorti qeghda tghid dan mill-ewwel u prontament wara li qieset dak illi nghad mir-rikorrent fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu meta qal illi dwar is-snin 2001 u 2002, il-pretensjoni tieghu illi l-produzzjoni annwa ta` 20 miljun litru ta` Bavaria N.V., u allura skond hu, is-sisa u VAT pretizi minnu mhumiex dovuti, mhijiex kontradetta. Din il-Qorti tahsibha xort`ohra kif sejjer jinghad. Kif tahsibha diversament dwar l-apprezzament tal-provi tar-rikorrent dwar is-snin 2003 u 2004.

Huwa fatt accertat u ppruvat illi Bavaria N.V. tipproduci firxa ta` prodotti tal-birra fosthom izda mhux biss il-*brands* Holandia u Bavaria. Nafu mix-xhud von Litsenberg illi r-rikorrent kien igib Malta l-birra Holandia u l-birra Bavaria f`bottijiet ta` 50 cl l-aktar popolari f`Malta. NC1 jisvija ghaliex minn naha jghid illi *our brewery does not exceed the production of 20 million litres of beer annually* u allura wiehed jifhem illi r-riferenza ghall-produzzjoni tal-birra qeghda tkun ghal birra in generali, imbaghad is-sentenza ta` wara hija kjarament limitata ghall-birra Bavaria <u>wahedha</u> - *Our production per year amounts to 16.85 million litres of <u>Bavaria</u> beer.* (sottolinear ta` din il-qorti)

Dok NC1 huwa wkoll karenti ghaliex ma jghidx ma` liema sena l-figura ta` 16.85 miljun litru kienet relatata. Huwa difficli illi wiehed jaccetta figura wahda ta` produzzjoni bhallikieku Bavaria N.V. kienet tipproduci biss ghal sena wahda, hi liema hi. Hadd ma jista` jkun jaf minn dak id-dokument jekk il-kumpannija kellhiex *growth* inkella

le. Figura wahda mqeghda f`dokument *senza riscontro* ta` xejn ma taghtix sahha lid-dokument.

Din il-Qorti tiskanta bil-leggerezza tad-Dipartiment tad-Dwana illi taccetta minghajr riserva dokument minghajr data biex abbazi tieghu tithallas sisa u VAT f`ammont ridott meta *ictu oculi* dak id-dokument *should have raised eyebrows* anke ghaliex fid-dokument kien qieghed jinghad illi l-produzzjoni annwa ma kenitx teccedi 20 miljun litru. Id-Dipartiment tad-Dwana kien messu ghamel l-indagni tieghu *a tempo vergine* mal-presentata tad-dokument, u mhux jiehu azzjoni sentejn wara li r-rikorrent kien beda jgib il-prodott, u wara li fil-15 ta` Lulju 2003 kien rcieva *claim* minghand ir-rikorrent ghal rifuzjoni ta` sisa u VAT li qal illi hallas zejjed (ara Dok JB1). Fl-istess waqt huwa kurjuz kif l-export director ta` Bavaria N.V., b`kumbinazzjoni jew inkella tapposta, jasal biex jindika l-figura ta` 20 miljun litru meqjus il-fatt illi l-*benchmark* tal-ligi ta` Malta kien 200,000 hectolitres (hl) fis-sena. Ghal din il-Qorti, jidher illi l-figura ta` 20 miljun litru kienet indikata fid-dokument mhux ghaliex kienet rilevanti ghal Bavaria N.V. izda ghaliex kienet tiswa ghall-esigenzi partikolari tar-rikorrent.

Din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` tisma` lil Lucien La Fleur billi lahaq miet. Ghalhekk kellha toqghod fuq id-deposizzjoni ta` Harold von Litsenburg illi ghalkemm kien ilu jahdem ma` Bavaria N.V. mill-1999 ma kienx huwa li rrilaxxja d-dokument. Mid-deposizzjoni tieghu, jirrizulta illi ghal kull sena bejn l-2001 u l-2004, Bavaria N.V. kienet tipproduci 27,000 hl ta` birra Holandia u 19,000 hl ta` birra Bavaria. Rinfaccjat b`dak illi kienet tghid il-*website* stess tal-kumpannija dwar il-produzzjoni tal-birra, fejn il-figuri jidhru aktar gholja, u jaqbzu l-*benchmark* tal-ligi taghna, ix-xhud filwaqt illi kkonferma illi dak illi kien jidher fil-*website* kien korrett, ippreciza illi l-figuri tal-*website* kienu juru l-produzzjoni <u>kollha</u> tal-birra mxerrda mad-diversi *brands* u mhux biss il-Holandia u l-Bavaria. Ghal din il-Qorti, dan mhuwiex semplici dettall marginali izda fatt ta` sostanza u jkompli juri li Dok NC1

ma kienx jaghti *data* korretta ghall-produzzjoni shiha ta` Bavaria N.V. u ghalhekk ma setax jinghata affidament ghall-finijiet tal-imposizzjoni tas-sisa korretta u relattiva VAT.

Din il-Qorti trid tghid illi ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Din il-Qorti tghid illi l-provi ta` l-intimat jaghtu aktar affidament b`kuntrast mal-karenzi cari u inekwivoci fil-provi tar-rikorrent.

Skond Dok JB3, il-*liaison officer* tad-Dwana Olandiza fis-16 ta` Lulju 2004 kien qieghed jikkonferma illi skond il-*website* stess ta` Bavaria N.V. il-produzzjoni annwa kienet ta` 5 miljun hl. Fl-1995, il-produzzjoni zdiedet minn 3 miljun hl ghal 4 miljun hl. It-trend *baqghet* ghaddejja lejn zieda. Il-figuri tal-*website* mhux kontradetti minn Harold von Litsenberg. Minn stharrig illi sar mid-Dwana Olandiza, din id-darba mhux semplicement b`harsa fil-*website* izda wara kuntatt dirett ma` rapprezentant ta` Bavaria N.V. fl-Olanda (ara d-deposizzjoni ta` x-xhud Henricus C J Hoeks) jirrizulta illi fl-2003 il-produzzjoni tal-kumpannija kienet ta` 4,416,000 hl waqt li fl-2004, il-produzzjoni kienet ta` 4,657,000 hl u allura ben oltre l-*benchmark* tal-ligi taghna (ara Dok DS1 u Dok AM).

L-assjem ta` dan kollu jfisser illi r-rikorrent fiz-zmien in kwistjoni mhux biss ma kellu ebda jedd ghal *refund* kif ippretenda bid-Dok JB1 izda addirittura kellu jhallas l-ammont li kien pretiz minnu fl-ittra ufficjali tat-18 ta` Awissu 2005.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-Qorti billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------